# Dipressjoni

minn Andrè Mifsud

Għandi qattus qisu tigra
qiegħed jgħix kutu kutu ġo rasi.
Spiss inħoss is-suf skur tiegħu iswed
qed iħaxken mill-ġnub ta' ġo nagħsi.

Ta' sikwit jogħxa jpassi bla heddu
u saqajh tqal jinħassu kesħin;
passi kiesħa jitilgħu fuq moħħi
u difrejh, jaqtgħu dritti, deħlin.

Jippassiġġa xħin nidħol fis-sodda,
jippassiġġa xħin nagħżel l-ilbies
ħalli noħroġ naffronta ġurnata,
jippassiġġa xħin nilmaħ in-nies.

Snienu jobrox mal-qoxra ta' moħħi;
jagħfas, jigdem bis-saħħa, u jnin.
Denbu twil 'l hemm u 'l hawn qed jitkaxkar,
jinħass jgħarrex kull waqt u kull ħin.

M'għandux kwiet dal-qattus ta' ġo rasi!
M'hemmx li jħalli minuta mistrieħ!
Idejjaqni u nixtiequ jitlaqni,
imma b'xejn jien ma' nista' nneħħih!

Għandu ħabta li jnewwaħ u jingħi
u din l-għanja bħal tidwi ġo fija.
Inħażżiżha u niktibha fuq karta
u titfaċċa din il-poeżija!